**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022**

**Rikors nru: 531/2021 AGV :**

**AB**

**v.**

**CD**

**IL-Qorti rat ir-rikors ta' AB datat 5 ta' Novembru 2021 fejn** esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat illi:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001), mill-liema zwieg huma kellhom wild (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok A**);

2. Illi huma sseparaw legalment permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi datat 2 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2.04.2019) (Ara kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni, immarkat bħala **Dok B**);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi l-esponenti tiddikjara illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet stante li huma r-rinunzjaw ghalih permezz tal-artikolu 4 u l-manteniment tal-minuri gie likwidat u thallas in toto permezz tal-kwalsola tal-artikolu 8(a) (ara Affidavit hawn anness u mmarkat bhala **Dok C)**;

5. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn xulxin minn Ottubru 2017;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

**U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.**

Il-Qorti rat li deher l-intimat fis-seduta tal-Gimgha 14 ta' Jannar 2022 fejn ddikjara li mhux qed joggezzjona ghal tali divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**